MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2012

Numru. 443/2010

**PULIZIJA**
**SUPRETENDENT CARMELO BARTOLO**
**VS**
**LEE MERCIECA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Lee Mercieca ta' 26 sena, bin Gary Edward u Julie nee' Cauchi, mwieled Pieta' nhar l- 14 ta' Gunju 1986, residenti 22, Beehive Lodge, Joann Garden, Tarxien, u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 279586M;

Talli ;

1) 1) F' dawn il- Gzejjer f' xi hin matul il- perjodu ta' bejn 12.00pm tas- 27 ta' Mejju 2005 u l- 10.30am tal- 31

ta’ Mejju 2005, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti ikkwalifikat bi vjolenza numerika, bil- lok, hin, mezz, kif ukoll bil- valur li jiskorri l- €2,329.37, liema serq sar ghad-detriment ta’ Mary Rose Zammit u zewgha Adrian Zammit miz- Zejtun;

2) U aktar talli nhar id- 9 ta’ Gunju 2005, u matul ix-xhur ta’ qabel din id- data, f’ dawn il- Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq, jew akkwistati b’ reat, sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’ kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom liema oggetti gejjin minn serq ikkwalifikat bil- valur li jiskorri l- €2,329.37);

3) ukoll talli fid- 9 ta’ Gunju 2005 u matul ix- xhur ta’ qabel din id- data, f’ dawn il- gzejjer, kiser il- provediment ta’ l- Artikolu 22 Kap 446 tal- Ligijiet ta’ Malta wara li s-sentenza moghtija mill- Qrati ta’ Malta li naghtat nhar it-30 ta’ Jannar 2004 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tindbiel, hu inghata l- liberta bil- kundizzjonijiet li ma jaghmilx reat iehor matul il- perjodu ta’ tlett snin;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju ta’ gbir ta’ provi tal-Prosekuzzjoni f’din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, peress illi l-akkuzi nqraw mill-gdid u l-imputat irregistra ammissjoni waqt l-esami tieghu, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, u ghalhekk il-Qorti setghet tittratta mal-imputat b’mod sommarju;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat kien tressaq flimkien ma’ terzi, akkuzati li kkommettew serq ikkwalifikat bil-valur, bil-vjolenza numerika, bil-lok, hin u mezz, u akkuzati wkoll b’ricettazzjoni. L-imputat wahdu kien akkuzat li kiser il-provvedimant tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 moghtija lilu b’sentenza tat-30 ta’ Jannar, 2004. Fil-waqt li z-zewg ko-imputati l-ohra kienu ammettew l-akkuzi u kienu inghataw sentenza, l-imputat kien ghazel li jikkontesta dawn l-akkuzi, u ghalhekk il-Qorti kienet bdiet tisma’ l-provi.

Qabel xejn, il-Qorti qed tirrileva s-segwenti fatti. Jidher li r-reat sar f’Mejju 2005, izda l-imputati tressqu biss f’Mejju 2010, jigifieri hames snin wara l-allegat reat. Fit-tieni lok, ghalkemm ir-reat kien jikkonsisti f’serq ikkwalifikat, ma kienet saret ebda inkjesta minn magistrat. Fit-tielet lok, l-istqarrijiet irrilaxxjati mill-imputati huma datati 10 ta’ Gunju 2005, u kien ko-imputat iehor biss li rega gie interrogat fl-1 ta’ Mejju 2010, qabel ma giet presentata din it-tahrika. Inoltre, bhala provi migbura fil-process, ftit li xejn hemm x’wiehed jirrimarka, minkejja li din il-kumpilazzjoni damet ftit aktar minn sentejn pendenti quddiem din il-Qorti, u dan minkejja hafna sforz mill-istess Qorti biex kemm jista’ jkun jingabru l-provi kollha u l-kawza titmexxa skond il-ligi.

Illi ghalhekk, bl-ammissjoni tal-imputat, din il-kawza tista’ finalment tigi konkluza. Hawnhekk ghandu jigi precizat li l-imputat qed jammetti r-reat ta’ ricettazzjoni, u mhux ta’ serq, li inghatat bhala alternattiva wahda ghall-ohra. Mil-fatti tal-kaz jirrisulta li l-imputat flimkien ma’ terzi jien ighix fi flat mikri u f’dan il-flat kienu sikwit jigu diversi persuni maghrufa mill-imputati u jgibu maghhom oggetti li l-provenjenza taghhom kienet, fl-ahjar ipotesi, dubjuza ghall-ahhar. Di fatti rrisulta li bosta minn dawn l-oggetti kienu proprjeta’ tal-familja Zammit, li kienet tghix f’appartament fl-istess bini, u kienu nsterqu f’Mejju 2005.

Kwantu ghall-piena, jidher li l-involviment tal-imputat kien biss wiehed passiv, izda xorta hemm htija ghal dak li hu ricettazzjoni. Inoltre, kien biss bl-ammissjoni tal-istess imputat li din il-kawza waslet fit-tmiem taghha, ghax bl-andament li kienet qabdet, din il-kawza kellha zgur aktar zmien sabiex tintemm. Ghalhekk, tenut kont tat-trapass ta’ dan iz-zmien kollu, tenut kont tal-involviment minimu tal-imputat, u tenut kont ikoll li l-istess Ufficjal Prosekutur ikkonferma mal-Qorti li l-imputat kien biddel hajtu radikalment, il-Qorti ma tarax li ghandha taghti piena li tirrestringi l-liberta’ tal-persuna. Ghalhekk ser jinghata sanzjoni fil-komunita’ ai termini tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 262(1)(b), 263, 267, 270, 279(b) u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Kif ukoll l-Artikoli 22 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------